

Brussell, 28 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9265/1/18
REV 1

COASI 127
ASIE 24
POLMIL 59
COPS 168

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Kooperazzjoni Msaħħa tal-UE fis-Sigurtà fl-Asja u mal-Asja - Konklużjonijiet tal-Kunsill (28 ta' Mejju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-verżjoni konsolidata tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kooperazzjoni Msaħħa tal-UE fis-Sigurtà fl-Asja u mal-Asja, kif adottati mill-Kunsill fit-3621 laqgħa tiegħu li saret fit-28 ta' Mejju 2018.

**IL-KOOPERAZZJONI MSAĦĦA TAL-UE FIS-SIGURTÀ
FL-ASJA U MAL-ASJA**

Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Il-Kunsill jenfasizza r-rwol tal-UE bħala sieħeb globali fis-sigurtà, f'konformità mal-prijoritajiet identifikati fl-Istrateġija Globali dwar il-Politika Eterra u ta' Sigurtà tal-UE, il-ħidma li qed issir biex tissaħħaħ il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) u l-Konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill, partikolarment dawk adottati mill-Kunsill fis-6 ta' Marzu 2017 u fit-13 ta' Novembru 2017.
2. Il-Kunsill itenni li l-UE għandha interess fundamentali fil-kooperazzjoni ma' sħab madwar id-dinja, inkluż fl-Asja, biex tħares liċ-ċittadini tagħha, tiddefendi l-valuri fundamentali li fuqhom hi mibnija l-Unjoni, fosthom il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, tħares is-sistema internazzjonali msejsa fuq ir-regoli, tippromwovi l-multilateraliżmu, tagħti kontribut għall-istabbiltà reġjonali, tipprevjeni l-konflitti vjolenti u tipproteġi l-interessi ekonomiċi tal-Unjoni.
3. Il-Kunsill jagħraf l-importanza dejjem tikber tas-sigurtà Asjatika għall-interessi Ewropej u jenfasizza li pajjiżi, organizzazzjonijiet reġjonali u pjattaformi Asjatiċi, bħal-Laqqha Asja-Ewropa (ASEM), huma kruċjali biex jgħinu d-dinja tkun aktar stabbli u paċifika. Il-Kunsill jisħaq li l-isforzi biex jiżdiedu l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Asja fis-sigurtà u l-konnettività bejn l-UE u l-Asja għandhom isaħħu lil xulxin.
4. Il-Kunsill jinnota li diġà kien hemm riżultati pożittivi marbutin mas-sigurtà mill-kooperazzjoni li diġà qed issir. Jilqa' l-kontributi konkreti tal-forzi navali Asjatiċi biex jgħinu jiskoraġġixxu, jipprevjenu u jiġġieldu kontra atti ta' piraterija u serq armat 'il barra mill-kosta tas-Somalja. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-kopresidenza mill-UE tal-Laqqha Intersessjonali dwar is-Sigurtà Marittima (2018-2020) tal-Forum Reġjonali tal-ASEAN (ARF) u l-organizzazzjoni ta' għadd ta' edizzjonijiet tad-Djalogu ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-ASEAN dwar is-Sigurtà Marittima.

5. Il-Kunsill jinnota li hemm possibbiltajiet sinifikanti biex tiġi approfondita l-kooperazzjoni tal-UE fis-sigurtà mas-Sħab Strateġiċi Asjatiċi tagħha: iċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun u r-Repubblika tal-Korea. Jenfasizza wkoll l-importanza li tiġi approfondita l-kooperazzjoni ma' sħab oħrajn, flimkien mal-ASEAN u l-istati membri tagħha. F'kull każ, l-enfasi għandha tkun fuq il-kisba ta' riżultati tanġibbli fl-indirizzar tal-isfidi komuni fis-sigurtà, kemm fl-Asja kif ukoll f'postijiet oħrajn (partikolarment l-Afrika u l-Lvant Nofsani), fost affarijiet oħra fuq l-implimentazzjoni sħiħa tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, biex b'hekk il-kooperazzjoni ssir miż-żewġ naħat.
6. Il-Kunsill iqis li l-oqsma ewlenin għal impenn aktar profond fis-sigurtà huma: is-sigurtà marittima, iċ-ċibersigurtà, il-għieda kontra t-terroriżmu, it-theddid ibridu, il-prevenzjoni tal-konflitti, il-proliferazzjoni ta' armi Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari (CBRN) u l-iżvilupp ta' ordnijiet reġjonali ta' kooperazzjoni. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa li l-kooperazzjoni tal-UE fis-sigurtà u d-difiża fl-Asja u mal-Asja ssir aktar operazzjonali. Il-Kunsill jinnota li koordinazzjoni aktar mill-qrib mill-UE u l-Istati Membri tal-attivitajiet kollha marbutin mas-sigurtà żżid il-viżibbiltà u l-impatt kollettiv.
7. Il-Kunsill jaqbel li l-prijoritajiet immedjati tal-kooperazzjoni tal-UE fis-sigurtà fl-Asja u mal-Asja għandhom ikunu li:
- a) Jiġu appoġġati l-paċi u l-istabbiltà reġjonali fl-Asja, filwaqt li djalogi eżistenti jew futuri jiġu kkomplementati b'bini ta' kapaċitajiet fejn xieraq, programmi ta' taħriġ u eżerċizzji konġunti;
 - b) L-impenn tal-UE fis-sigurtà ma' sħab Asjatiċi ta' prijorità jkollu aktar viżibbiltà u impatt billi jiġi żviluppat approċċ ta' kooperazzjoni mfassal apposta, li jiġbor flimkien l-isforzi tal-UE marbutin mas-sigurtà mal-pajjiż ikkonċernat;
 - c) Jiżdiedu l-koordinazzjoni, il-komplementarjetajiet u s-sinerġiji mal-inizjattivi bilaterali tal-Istati Membri tal-UE madwar l-Asja;

- d) Ikompli jiġi operazzjonalizzat l-involvement tal-UE mal-istruttura tas-sigurtà reġjonali mmexxija mill-ASEAN u forom oħra ta' kooperazzjoni multilaterali fis-sigurtà fl-Asja, fosthom il-proċess tal-Ministri tad-Difiża Plus tal-ASEAN u s-Summit tal-Asja tal-Lvant;
- e) Tgħin biex tissaħħaħ il-ħila tal-ASEAN u l-istati membri tagħha li jindirizzaw aħjar kwistjonijiet tradizzjonali u mhux tradizzjonali ta' sigurtà marittima bħall-ħarsien tal-libertà ta' navigazzjoni, il-ġlieda kontra l-piraterija, il-kriminalità organizzata, is-sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat (IUU), it-traffikar illegali u t-tniġġis marittimu;
- f) Tissaħħaħ il-kooperazzjoni fis-sigurtà marittima ma' sħab oħrajn Asjatiċi, fosthom l-Organizzazzjoni tal-Pajjiżi tal-Oċean Indjan (IORA);
- g) Tiġi approfondita l-kooperazzjoni fil-qasam tal-prevenzjoni tal-konflitti u l-ġlieda kontra l-impunità permezz ta' ħidma konġunta biex jiġu indirizzati l-għeruq, filwaqt li jintuża b'mod sħiħ il-potenzjal tad-diplomazija preventiva u tiġi promossa r-riforma tas-settur tas-sigurtà;
- h) Tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u kontra l-estremiżmu vjolenti billi jiġu indirizzati pereżempju t-theddida tal-ġellieda terroristi barranin, ir-radikalizzazzjoni inkluż fil-ħabsijiet u t-theddida online fl-aspetti kollha tagħha;
- i) Tiġi approfondita l-kooperazzjoni eżistenti fil-ħarsien ta' oqfsa normattivi internazzjonali ewlenin, fosthom il-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) u t-Trattat tan-NU dwar l-Ispazju Extratmosferiku u jiġu implimentati miżuri ta' bini ta' fiduċja fuq dik il-bażi;
- j) Tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qasam taċ-ċibersigurtà favur ċiberspazju globali, miftuħ, ħieles, stabbli u sikur. Tiġi approfondita l-kooperazzjoni biex isiru investigazzjoni u prosekuzzjoni taċ-ċiberkriminalità f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Budapest u taħdem mas-sħab Asjatiċi fuq l-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali fiċ-ċiberspazju u l-implimentazzjoni ta' standards ta' mgħiba responsabbli mill-istati u fuq il-bini ta' kapaċità ċibernetika;
- k) Fuq il-bażi tal-approċċ integrat tal-UE, tespandi gradwalment il-kuntatti bejn il-forzi militari u bejn il-persunal mas-sħab Asjatiċi ta' prijorità fil-kooperazzjoni fis-sigurtà;

- l) Titħeġġeġ aktar parteċipazzjoni Asjatika fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK tal-UE u toffri taħriġ mill-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża (KESD) lil pajjiżi b'interess possibbli li jikkontribwixxu għall-operazzjonijiet tal-UE;
 - m) Jiġu esplorati opportunitajiet għall-UE u l-Istati Membri tagħha, filwaqt li jaħdmu bir-riżorsi eżistenti, li josservaw jew jieħdu sehem f'eżerċizzju mmexxijin minn sħab Asjatiċi u li jagħmlu progress fil-kooperazzjoni fit-taħriġ taż-żamma ta' paċi tan-NU;
 - n) Jiġu żviluppati eżerċizzji mmirati ta' bini ta' kapaċitajiet, taħriġ u eżerċizzji konġunti fil-qasam tal-mitigazzjoni tar-riskji Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari (CBRN), inkluż permezz taċ-Ċentri ta' Eċċellenza reġjonali mmexxijin mill-UE;
 - o) Tissaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab Asjatiċi fuq l-isfidi dinjin b'perspettiva ta' sigurtà rilevanti, bħat-tibdil fil-klima, is-sigurtà ambjentali, id-degradazzjoni fil-bijodiversità, il-migrazzjoni irregolari u l-ġhajjnuna umanitarja u dik għal diżastri.
8. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jagħtu aġġornament dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-prijoritajiet.
-